# Kun Int id-Dawl

Versi: Francesco Pio Attard

Mużika: Bernardette Farrell



## Kun int id-Dawl

Mixtieqa għad-dawl,
fid-dlam qed nishru.
Induru lejk
għall-verità.
Poplu qaddis
agħmilna tiegħek –
dawl biex tarah din l-art.

*Kun int id-dawl!*
*Iva, Mulej,*
*iddi fi qlubna.*
*Dawwal it-triq*
*tal-poplu tiegħek*
*illum miġbur.*

Imħeġġa għas-sliem
did-dinja msejkna,
għalkemm bid-dnub
aħna mtaqqlin.
Dik kelmtek biss
tista' ssalvana –
ħa nkunu leħnek fl-art.

*Kun int id-dawl…*

Aħna bil-ġuħ
għall-ikel tiegħek.
B'għatx nistennew
l-ilma l-ħaj.
Ibnina fik,
lilek inxandru –
sakemm tgħix bik din l-art.

*Kun int id-dawl…*